# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis**
**Tletin (30) ta' Jannar 2025**

**Rikors Numru 775/2020FDP**

Fl-ismijiet

**MAL Limited (C 93638)**

**Vs**

**MED Investment Operations Limited (C 70335)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 31 ta' Awwissu 2020 li permezz tiegħu s-soċjeta' rikorrenti talbet is-segwenti:

    <u>*Dikjarazzjoni tal-Oġġett tal-Kawża*</u>

    *1. Permezz ta' kuntratt datat 8 ta' Ġunju 2020 (Dok. 'A'), ir-rikorrenti akkwistat total ta' mitejn elf (200,000) kaxxa ta' mitt (100) "Nitrile (powder free) Gloves" kull kaxxa għal total ta' għoxrin miljun (20,000,000) ingwanta, u liema ingwanti kellhom jintbagħtu lir-rikorrenti "by term airfrieght and/or lorry/truck overland delivery – CIF ITALIA".*

    *2. L-għan ta' dan l-akkwist kien li dawn l-ingwanti jerġgħu jinbiegħu mir-rikorrenti fis-suq miftuħ.*

    *3. Il-prezz pattwit għal kull ingwanta kien dak ta' zero punt zero ħamsa sitta ħamsa ċenteżmi (EUR0.0565) kull ingwanta, biex b'hekk il-valur kumplessiv dovut mir-rikorrenti kien dak ta' miljun mija u tletin elf Euro (EUR1,130,000.00), eżenti t-Taxxa fuq il-Valur Miżjud.*

4. *Din is-somma kellha titħallas in kwantu ħamsin fil-mija (50%), u allura ħames mija ħamsa u sittin elf Euro (EUR565,000.00) mal-preżentata lir-rikorrenti ta' fattura pro-forma, bir-rimanenti ħamsin fil-mija (50%) mal-preżentata lir-rikorrenti ta' airway bill u flight schedule jew ta' bill of lading.*

5. *Sabiex tiffinanzja dan l-akkwist, ir-rikorrenti talbet u ottjeniet b'titolu ta' self u permezz ta' kuntratt datat 4 ta' Ġunju 2020 (Dok. 'B'), is-somma ta' miljun Euro (EUR1,000,000.00).*

6. *Il-fattura pro-forma imsemmija supra ġiet filfatt sollevata nhar it-8 ta' Ġunju 2020 (Dok. 'Ċ') u kif pattwit, ir-rikorrenti ssaldat l-import ta' ħames mija ħamsa u sittin elf elf Euro (EUR565,000.00) (Dok. 'D').*

7. *L-ingwanti mwiegħda lil u akkwistati mir-rikorrenti pero' qatt ma waslu. Dan minkejja diversi wegħdiet ta' Daniel Azzopardi, direttur uniku u azzjonist uniku tal-intimatat (Dok. 'E'), li saħansitra provda lir-rikorrenti informazzjoni fażulla konsistenti fi tracking numbers foloz, u ritratti tal-kunsinni, ukoll foloz.*

8. *Kaġun tan-non-osservanza tal-obbligi mposti fuq l-intimata mill-kuntratt datat 8 ta' Ġunju 2020, ir-rikorrenti kellha saħansitra tħallas penali fis-somma ta' ta' mija sebgħa u ħamsin elf Euro (EUR157,000.00) lill-kumpannija Sg Spa, kumpratur prospettiv ta' numru ta' ingwanti akkwistati mir-rikorrenti, ma' liema kumpannija estera, ir-rikorrenti kienet laħqet ikkuntrattat (Dok. 'F').*

9. *B'hekk ir-rikorrenti, għad li baqgħet mingħajr l-ingwanti akkwistati, ħallset is-somma kumplessiva ta' seba' mija tnejn u għoxrin elf Euro (EUR722,000.00).*

10. *Fiċ-ċirkostanzi Daniel Azzopardi, id-direttur tal-intimata, wara li aċċetta n-nuqqasijiet tiegħu u tal-intimata, intrabat li jirrifondi l-ammont fuq indikat ta' seba' mija tnejn u għoxrin elf Euro (EUR722,000.00).*

11. *Sal-preżentata ta' dan ir-rikors ġuramentat, huwa rrifonda s-somma kumplessiva ta' tlett mija sebgħa u tmenin elf u ħames mitt Euro (EUR387,500.00), biex b'hekk fadallu jirrifondi s-somma ta' tlett mija erbgħa u tletin elf u ħames mitt Euro (EUR334,500.00) (Dok. 'G').*

12. *Dan id-debitu huwa ċert, likwidu, dovut u fuq kollox aċċettat; l-intimata ma għandhiex eċċezzjonijiet x'tagħti u għaldaqstant din il-kawża tista' tiġi deċiża ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kapitlu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

13. *Malcolm Galdes (K.I. nru. 0464780M), direttur waħdieni tal-kumpannija rikorrenti u kif debitament awtorizzat, jaf personalment b'dawn il-fatti kollha.*

*<u>Raġuni tat-Talba</u>*

*Għar-raġunijiet premessi, kellhom jiġu istitwiti dawn il-proċeduri.*

*<u>Talbiet</u>:*

***Tgħid għalhekk l-intimata 'l għaliex din l-Onorabbli Qorti ma għandhiex, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni neċessarja u opportuna:***

*1. Taqta' u tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smiegħ ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*2. Tikkundanna, għar-raġunijiet premessi, lill-intimata sabiex tħallas lir-rikorrenti s-somma ta' tlett mija erbgħa u tletin elf u ħames mitt Euro (EUR334,500.00).*

*Bl-imgħax sad-data tal-effettiv pagament, u bl-ispejjeż, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru ntavolat kontestwalment ma' dan ir-rikors ġuramentat, kontra l-intimata illi hija minn issa nġunta għas-subizzjoni.*

*B'riżerva inoltre ta' kwalunkwe azzjoni oħra spettanti lir-rikorrenti inkluż azzjoni għad-danni u penali kuntrattwali*

2. Rat illi fid-19 ta' Ottubru 2020 is-soċjeta' intimata laqgħet għal dak mitlub billi qajjmet is-segwenti difiża:

    1. *Illi l-esponenti ma tikkontestax it-talbiet attriċi in kwantu tikkonsisti f'rifużjoni ta' flus mħallsa mis-soċjeta' attriċi lis-soċjeta' intimata akkont ta' prezz miftiehem għall-merkanzija in kwistjoni.*

    2. *Illi in effetti, is-soċjeta' intimata anke qabel ma ġiet intavolata l-kawża odjern effettwat ħlasijiet sostanzjali akkont.*

    3. *Illi nkwantu pero' li s-soċjeta' rikorrenti qiegħda titlob ħlas ta' somma ta' mija u sebgħa u ħamsin elf euro (EUR157,000) bħala penali nkorsi minnha, dan huwa kkontestat.*

    4. *Illi kwalunkwe ftehim li s-soċjeta' attriċi għamlet ma' terzi mingħajr il-ko-involġiment tal-esponenti hija 'res inter alios acta'.*

    5. *Illi għal kull buon fini kienet is-soċjeta' rikorrenti li tterminat ir-rapport kuntrattwali mal-esponenti.*

    6. *Illi l-esponenti m'għandhiex titqies responsabbli għal ħlasijiet li ma jiffurmawx parti mill-kuntratt konkluż bejn il-kontendenti.*

    *Salvi eċċezzjonijiet oħra.*

3. Rat id-dokumentazzjoni ppreżentata mir-rikorrenti fuq l-att msemmi.

**Provi**

4. Rat l-affidavit ta' **Malcolm Galdes** ippreżentat mis-soċjeta' rikorrenti fit-28 ta' Jannar 2021 u rat id-dokumentazzjoni annessa miegħu (fol 52-111).

5. Semgħet ix-xhieda ta' **Daniel Azzopardi** mogħtija fis-seduta tat-28 ta' Jannar 2021 (fol 112-120).

6. Semgħet ix-xhieda ulterjuri ta' Daniel Azzopardi mogħtija fis-seduta tal-14 ta' Lulju 2022 (fol 131-133).

7. Semgħet ix-xhieda ta' **Dr Claudette Fenech** bħala rappreżentanta tal-Malta Business Registry mogħtija fis-seduta tal-20 ta' Marzu 2023 (fol 147-147 et seq).

8. Semgħet ix-xhieda ta' **Joanna Bartolo** bħala rappreżentanta tal-Bank of Valletta plc mogħtija fis-seduta tal-20 ta' Marzu 2023 u rat id-dokumentazzjoni eżebita minnha (fol 148-150).

9. Semgħet ix-xhieda ta' **Dr Adriano Cefai** mogħtija fis-seduta tal-20 ta' Marzu 2023 (fol 151-155).

10. Rat illi fis-seduta tas-26 ta' Marzu 2024 is-soċjeta' rikorrenti ddikjarat li m'għandhiex aktar provi xi tressaq.

11. Rat illi fil-11 ta' Ġunju 2024, il-Qorti ġiet infurmata illi l-partijiet kienu waslu fi transazzjoni.

12. Rat illi fil-25 ta' Settembru 2024, il-Qorti ġiet infurmata illi minkejja li l-partijet waslu fi ftehim fil-11 ta' Lulju 2024, il-ħlas previst ma kienx sar, u għalhekk is-soċjeta' rikorrenti talbet lill-Qorti sabiex tgħaddi għas-sentenza.

13. Rat il-kopja tal-ftehim datat 11 ta' Lulju 2024 u ppreżentat fil-25 ta' Settembru 2024 (fol 164-166).

14. Rat illi fis-seduta tal-25 ta' Settembru 2024 il-kawża tħalliet għas-sentenza.

15. Rat illi s-soċjeta' rikorrenti ppreżentat in-nota ta' sottomissjonijiet tagħha fil-25 ta' Novembru 2024 (fol 167-169).

16. Rat illi s-soċjeta' intimata ma ppreżentat ebda sottomissjonijiet bil-miktub.

17. Rat illi fis-16 ta' Diċembru 2024 il-kawża tħalliet għas-sentenza.

**Fatti tal-Każ**

18. Jirriżulta illi bejn is-soċjeta' attriċi u s-soċjeta' intimata kien sar ftehim permezz ta' kuntratt datat 8 ta' Ġunju 2020 li permezz tiegħu s-soċjeta' rikorrenti akkwistat mitejn elf (200,000) kaxxa ta' '*Nitrile (powder free) Gloves*'. Illi kull kaxxa kienet tikkontjeni mitt ingwanta (100) u liema ingwanti kellhom jintbgħatu lir-rikorrenti *"by term airfreight and/or lorry/truck overland delivery- CIF ITALIA"*.

19. Illi l-prezz miftiehem għal kull ingwanta kien ta' zero punt zero ħamsa sitta ħamsa ċenteżmi (Ewro 0.0565). Għaldaqstant, il-prezz komplessiv għax-xiri tal-ingwanti kollha kien ta' miljun mija u tletin elf Ewro (Ewro 1,130,000) eżenti t-Taxxa fuq il-Valur Miżjud.

20. Illi din is-somma kellha titħallas mir-rikorrenti f'darbtejn, ossia in kwantu ħamsin fil-mija (50%) mal-preżentata mis-soċjeta' intimata lis-soċjeta' rikorrenti tal-fattura proforma u in kwantu r-rimanenti somma, ossia l-ħamsin fil-mija (50%) l-oħra mal-preżentata lir-rikorrenti tal-*airway bill* u *flight schedule* jew *bill of lading*.

21. Illi s-soċjeta' intimata provdiet lis-soċjeta' attriċi l-fattura proforma u għaldaqstant is-soċjeta' rikorrenti affettwat id-*down payment* ta' ħamsin fil-mija (50%) fl-ammont ta' ħames mija u ħamsa u sittin elf Ewro (Ewro 565,000) .

22. Illi l-akkwist ta' dawn l-ingwanti da parti tas-soċjeta' rikorrenti kien bil-għan illi dawn jerġgħu jinbiegħu minnha fis-suq miftuħ, u dana kien fl-eqqel tal-pandemija Covid-19.

23. Illi l-ingwanti mwiegħda u akkwistati mis-soċjeta' rikorrenti qatt ma waslu, għaldaqstant is-soċjeta' konvenuta naqset milli tikkonsenja l-ingwanti kif pattwit.

24. Illi s-soċjeta' rikorrenti kienet diġa' kkuntrattat mal-kumpanija taljana Sg SpA, liema kumpanija kienet ser tkun il-kompratur prospettiv ta' numru ta' ingwanti akkwistati minnha. Minħabba l-fatt illi s-soċjeta' intimata naqqset milli tikkonsenja l-ingwanti lis-soċjeta' attriċi, r-rikorrenti kellha tħallas penali lill-kumpanija Sg SpA fis-somma ta' mija u sebgħa u ħamsin elf Ewro (Ewro 157,000).

25. Illi b'hekk, is-soċjeta' rikorrenti ħarġet is-somma komplessiva ta' sebgħa mija u tnejn u għoxrin elf Ewro (Ewro 722,000), liema somma tikkonsisti fil-ħlas ta' *down payment* lis-soċjeta' intimata fl-ammont ta' ħames mija u ħamsa u sittin elf Ewro (Ewro 565,000) u fil-ħlas tal-penali lill-kumpanija Sg SpA fl-ammont ta' mija u sebgħa u ħamsin elf Ewro (Ewro 157,000).

26. Illi sal-preżentata tal-kawża odjerna, s-soċjeta' intimata kienet diġa' bdiet tirrifondi lura s-soċjeta' rikorrenti diversi somom. Iżda skont l-istess soċjeta' attriċi, l-intimata għad fadlilha tirrifondi lura s-somma ta' tlett mija erbgħa u tletin elf u ħames mitt Ewro (Ewro 334,500).

27. Illi għaldaqstant, is-soċjeta' rikorrenti intavolat il-proċeduri odjerni sabiex titlob il-ħlas tal-bilanċ rimanenti, illi skont l-istess attriċi jammonta għal tlett mija erbgħa u tletin elf u ħames mitt Ewro (Ewro 334,500).

## Ikkunsidrat

28. Jirriżulta, mill-premessi u mill-provi prodotti, illi s-soċjeta' attriċi qiegħda titlob lil din il-Qorti sabiex taqta' u tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smiegħ ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u tikkundanna lill-intimata tħallas lir-rikorrenti s-somma ta' tlett mija erbgħa u tletin elf u ħames mitt Ewro (Ewro 334,500).

29. Jirriżulta illi l-konvenuta eċċeppiet illi, filwaqt li mhux tikkontesta t-talbiet attriċi, in kwantu tikkonsisti f'rifużjoni ta' flus imħallsa mis-soċjeta' attriċi lis-soċjeta' intimata akkont ta' prezz miftiehem għall-merkanzija in kwistjoni, kienet qed tikkontesta l-ħlas ta' somma ta' mija u sebgħa u ħamsin elf Ewro (Ewro 157,000) bħala penali rizultat ta' ftehim li s-soċjeta' attriċi għamlet ma' terzi mingħajr il-konvolġiment tal-konvenuta.

## Meritu tal-każ

30. Illi l-pern tal-kwistjoni odjerna hija ċċentrata fuq il-ħlas tas-somma ta' tlett mija erbgħa u tletin elf u ħames mitt Ewro (Ewro 334,500) mitluba mis-soċjeta' rikorrenti lis-soċjeta' konvenuta minħabba l-akkwist ta' ingwanti tat-tip '*Nitrile (powder free) Gloves'*, liema ingwanti ma kienu qatt ġew ikkonsenjati mis-soċjeta' konvenuta lis-soċjeta' rikorrenti.

31. Illi permezz ta' din l-azzjoni, l-attriċi qiegħda titlob mingħand is-soċjeta' intimata r-rifużjoni tal-flus imħallsa minnha għall-akkwist tal-ingwanti surreferiti kif ukoll il-ħlas tal-penali inkorsi mill-istess rikorrenti u li kienu ġew imħallsa minnha lil terzi ossia l-kumpanija Sg SpA minħabba li naqset milli tforniha bl-ingwanti hekk kif maqbul.

32. Illi fl-ewwel lok, din il-Qorti tirrileva illi, kif jidher ċar mill-qari tar-risposta ġuramentata tas-soċjeta' konvenuta, ma hemm ebda kontestazzjoni għal dak li għandu x'jaqsam mar-rifużjoni tas-somma mħallsa mis-soċjeta' attriċi lil dik intimata bħala *down payment* għall-akkwist tal-merkanzija in deżamina.

33. Magħdud ma' dan, din il-Qorti tosserva wkoll illi nonostante fir-risposta ġuramentata jidher illi l-konvenuta qiegħda tikkontesta l-ħlas tal-penali, madanakollu mill-provi prodotti u mill-andament tal-kawża ġie muri xort'oħra.

34. Illi l-Qorti tagħmel referenza għad-dokument anness mal-affidavit ta' Malcolm Galdes, senjatament id-dokument immarkat bħala MG7A (fol 83-85). Illi kif muri a fol 84 tal-proċess fl-iskambju tal-messaġġi, Daniel Azzopardi, rappreżentant tas-soċjeta' intimata jgħid hekk:

> *"per la differenza non ce tanto da girare perche soldi sono pure sul conto med per il restante per la penale ti chiedo di attendere che sto mettendo qualche soldo alla EFG invece".*

35. In oltre, l-Qorti tosserva illi a fol 34 u 103 tal-proċess tinsab eżebita *email* mibgħutha mill-istess Daniel Azzopardi fejn fiha hemm imniżżel kif ġej:

> *"As per my last post in the chat*
> *Kindly take note that MED*
> *Will be covering the payments due to MAL Ltd*
> *In the following sequence*
> *And will pay out from EFG monaco and no more BOV...*
> *100k pending from 565*
> *Wednesday 22nd July*
> *77.500k pending balance from 565*
> *Friday 24th July*
> *157 k penalty default obligation*
> *Monday 27th July".*

36. Referenza ser issir issa għax-xhieda mogħtija minn Daniel Azzopardi fis-seduta tat-28 ta' Jannar 2021 fejn huwa jikkonferma li l-*email* surreferita kienet intbgħatet minnu:

> *Il-Qorti :*
> *Ok mela ... ix-xhud qed jiġi muri email li tidher a fol 34 tal-proċess li hija email mingħand Daniel Azzopardi lil Malcolm Galdes u nies oħra. Inti taf biha din l-email, jew trid taraha?*

*Ix-Xhud :*
*Iva … iva … iva …*

*Il-Qorti :*
*Taf biha, mela ma għandix għalfejn nurihielek.*

*Dr Keith Borg :*
*Nixtieq jikkonferma li kien hu li effettivament bagħat dik l-email u nixtieq li x-xhud jikkonferma l-posizzjoni tiegħu f'dik l-email fir-rigward tal-mija, sebgħa u ħamsin elf (175,000) euro penali jekk jogħġbok Sur Imħallef. Il għaliex infakkar il-Qorti illi …*

*Il-Qorti :*
*Mela hawn hekk għandi email. L-email address huwa Daniel.azzopardi@mioperations.com … hija email tiegħek?*

*Ix-Xhud :*
*Iva.*

*Il-Qorti :*
*Iġifieri dak il-kontenut li għandi f'dik l-email, huwa email tiegħek, naqblu?*

*Ix-Xhud :*
*Iva".*

(fol 113-114)

37. L-istess Daniel Azzopardi jerġa' jixhed fis-seduta tal-14 ta' Lulju 2022 fejn fix-xhieda tiegħu huwa jikkonferma s-segwenti:

*"Dr Keith Borg :*
*Nista' nitlob issa l-Qorti tmur fol 103 jekk jogħġobha.*

*Il-Qorti :*
*103 … Mela fol 103 din id-darba hija email hux hekk?*

*Dr Keith Borg :*
*Yes.*

*Il-Qorti :*
*Mela din hija email … ha nipprova niffokalkom ftit biex kulħadd jaraha …*

*Dr Keith Borg :*
*Ħa nitlob lis-Sur Azzopardi jgħidilna dak l-email address …*

*Il-Qorti :*
*Dak huwa tiegħek dak l-email address?*

*Ix-Xhud :*

*Assolutament iva.*

*Il-Qorti :*
*Dak huwa tieghek. Ok prosit ... allura nifhem jien ukoll li din hija email tiegħek?*

*Ix-Xhud :*
*Iva.*

*Il-Qorti :*
*Mela din iġġib id-data ta' 17 July 2020.*

*Dr Keith Borg :*
*Mela jekk nimxu ftit l-isfel wara Dear Malcolm u CC ... ħa nsibu ... ħa nsibu li inti qed tgħid ... will be covering the payments due to MAL Limited in the following sequence. Jekk nibqgħu niżlin insibu one hundred fifty seven thousand (157,000) penalty default obligation ... Monday 27th July. Hemm hekk qed nitkellmu għall-istess penali li qiegħda tintalab minnek f'din il-kawża hux hekk Sur Azzopardi?*

*Ix-Xhud :*
*Iva".*

(fol 132 et seq-133)

38. In oltre, l-Qorti tagħmel referenza wkoll għas-*settlement agreement* iffirmat bejn il-partijiet fil-11 ta' Lulju 2024 u li jinsab a fol 164-166 tal-proċess li permezz tiegħu ġie miftiehem illi s-soċjeta' konvenuta għandha tħallas lill-attriċi s-somma ta' mitejn u erbgħin elf Ewro (Ewro 240,000)[1]. Illi dan il-ftehim jagħti dawl, kif ukoll minnu din il-Qorti tista' tinferixxi wkoll illi l-ammont miftiehem, ossia, dak ta' mitejn u erbgħin elf Ewro (Ewro 240,000) jinkludi fih ħlas tad-*down payment* magħmul mill-attriċi lill-intimata kif ukoll ħlas ta' penali inkorsi mill-istess rikorrenti.

39. Dan għaliex kif diġa' spjegat aktar 'il fuq, is-soċjeta' rikorrenti ħarġet is-somma komplessiva ta' sebgħa mija u tnejn u għoxrin elf Ewro (Ewro 722,000), liema somma tikkonsisti fil-ħlas ta' *down payment* lis-soċjeta' intimata fl-ammont ta' ħames mija u ħamsa u sittin elf Ewro (Ewro 565,000) u fil-ħlas tal-penali lill-kumpanija Sg SpA fl-ammont ta' mija u sebgħa u ħamsin elf Ewro (Ewro 157,000).

40. Illi fl-affidavit tiegħu Malcolm Galdes[2] jispjega illi s-soċjeta' konvenuta rrifondiet l-ammont ta' erbgħa mija u tnejn elf, u ħames mitt Ewro (Ewro 402,500) u b'hekk id-differenza bejn dak imħallas komplessivament mir-rikorrenti u dak rifuż mis-soċjeta' konvenuta hija ta' tlett mija u dsatax-il elf u ħames mitt Ewro (Ewro 319,500)[3]. Għaldaqstant, din il-Qorti tista' faċilment tikkonkludi u tinferixxi illi fis-*settlement agreement* maqbul bejn il-partijiet kien hemm viżjonat kemm il-ħlas tad-*down payment* kif ukoll ta' penali. Dan għaliex li kieku qbil sar biss għall-ħlas tad-*down payment,* l-ammont maqbul bejn il-kontendenti kien ikun ferm inqas għaliex jekk wieħed inaqqas iċ-ċifra ta' erbgħa mija u tnejn t'elef u ħames mitt Ewro (Ewro 402,500) minn dik ta'

[1] Skont kif spjegat fil-verbal tal-25 ta' Settembru 2024, il-ħlasijiet kellhom isiru sal-aħħar ta' Lulju, madanakollu l-pagamenti ma daħlux (fol 163).
[2] A fol 53
[3] Ewro 722,000 - Ewro 402,500 = Ewro 319,500.

ħames mija u ħamsa u sittin elf Ewro (Ewro 565,000), id-differenza tkun ta' mija u tnejn u sittin elf u ħames mitt Ewro (Ewro 162,500) - ferm inqas miċ-ċifra maqbula.

41. Illi dan l-eżerċizzju matematiku u din ir-referenza għas-settlement agreement konkluż bejn il-partijiet, juru u jixħtu dawl li, waqt l-istess smiegħ tal-kawża, s-soċjeta' konvenuta donnha ma baqgħetx tikkontesta dwar il-ħlas tal-penali. Għaldaqstant, fl-ottika ta' dan is-*settlement agreement* kif ukoll tal-provi prodotti, din il-Qorti tqis illi s-soċjeta' konvenuta għandha tħallas ukoll il-penali inkorsi mis-soċjeta' rikorrenti.

42. Stabbilit dan, il-Qorti ser tgħaddi sabiex tagħmel referenza għad-dokumenti li jinsabu a fol 23-24 u fol 76-77, li juru li kien sar il-ħlas tal-ammont ta' ħames mija u ħamsa u sittin elf Ewro (Ewro 565,000), liema ċifra hija dik relattiva għad-*down payment* li s-soċjeta' rikorrenti kellha tagħti lis-soċjeta' intimata. In oltre, fix-xhieda tagħha, r-rappreżentanta tal-bank Bank of Valletta plc, Joanna Bartolo tikkonferma illi sar dan il-ħlas mingħand IFG Management Limited[4] lis-soċjeta' konvenuta:

> *"Ix-Xhud :*
>
> *Emm iva ... mela skond id-dokument ... il-kopja tal-payment execution li kien hemm dehret li kien transfer biex jidħol f'kont tal-MED Investiment Operations Limited liema transfer ġie trasferit mingħand l-IFG Management Limited. Nista' nikkonferma li fl-account number 400 2328 6081 li jgħajjat lil Med Investiment Operations Limited registration numbers C70335 fil ... l-10 ta' Ġunju 2020 kien hemm in fact deposit ta' five, six, five thousand (565,000) euro ... referenza hemm miktub IFG Management Limited fifty (50) of invoice number 0014770 on behalf of ... obo MED Limited u hemm reference number. Nista' nippreżenta statement".*
>
> (fol 148 et seq)

43. Barra minn hekk, għal dak li għandu x'jaqsam mal-ħlas tal-penali li s-soċjeta' rikorrenti kellha tħallas lill-kumpanija Sg SpA, referenza ser issir għad-dokumenti a fol 28, 75 u 82 tal-proċess li juru lis-soċjeta' rikorrenti kienet għaddiet il-pagament tal-penali lil Sg SpA fl-ammont ta' mija u sebgħa u ħamsin elf Ewro (Ewro 157,000). Dan jikkonfermah ukoll Malcolm Galdes fl-affidavit tiegħu, mhux ikkontestat stante li ma sar ebda kontro-eżami tiegħu, fejn jgħid illi:

> *"Kaġun ta' dan kollu, MAL Limited allura naqset mal-end buyer tagħha u kellha tħallas din il-penali fis-somma ta' mija sebgħa u ħamsin elf Euro (EUR 157,000) lill-kumpannija Sg Spa"* (fol 53).

44. Il-Qorti sejra issa tgħaddi sabiex tistabbilixxi l-ammont illi s-soċjeta' intimata għandha tħallas lis-soċjeta' rikorrenti.

45. Illi fit-tieni talba tagħha, l-attriċi titlob lil din il-Qorti sabiex tikkundanna lill-intimata tħallas is-somma ta' tlett mija erbgħa u tletin elf u ħames mitt Ewro (Ewro 334,500). Madankollu, l-Qorti tosserva illi hekk kif mistqarr minn Malcolm Galdes stess fl-affidavit tiegħu, senjatament f'paragrafi 13 u 14, l-ammont illi ġie rifuż lis-soċjeta' attriċi kien ta' erbgħa mija u tnejn elf u ħames mitt Ewro (Ewro 402,500). Illi huwa

[4] Din is-soċjeta' kienet selfet is-soċjeta' attriċi s-somma ta' miljun Ewro (Ewro 1,000,000) hekk kif jidher mid-dokumenti a fol 19-21 u a fol 71-73 tal-proċess

jispjega kif tħallset din is-somma kif ukoll meta sar il-pagament[5]. Għaldaqstant, hekk kif iddikjarat minnu stess, l-ammont lis-soċjeta' konvenuta fadlilha tirrifondi lura lill-attriċi huwa dak ta' tlett mija u dsatax-il elf u ħames mitt Ewro (Ewro 319,500)[6].

46. Illi in vista ta' dak kollu delineat, din il-Qorti sejra tilqa' limitatament it-talba attriċi fis-somma supra indikata ta' tlett mija u dsatax-il elf u ħames mitt Ewro (Ewro 319,500).

47. Il-Qorti tosserva wkoll illi, fil-mori tal-proċeduri odjerni, is-soċjeta' intimata kienet wasslet fi ftehim sabiex tħallas ammont ta' flus filwaqt li s-soċjeta' rikorrenti kienet disposta illi tirriduċi t-talba taghha, purke' il-kwistjoni tiġi transatta – madanakollu, s-soċjeta' intimata naqset milli tonora l-ftehim minnha milħuq. Tali nuqqas ser jitqies minn dina l-Qorti fejn tikkunsidra l-kwistjoni tal-interessi.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti**,

Wara illi rat l-atti u semgħet ix-xhieda;

Wara illi rat is-sottomissjonijiet tal-abbli difensuri tas-soċjeta' rikorrenti;

Tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tiċħad** l-eċċezzjonijiet fil-meritu tal-istess soċjeta' intimata.

**Tilqa'** t-Tieni talba tas-soċjeta' rikorrenti, u għalhekk:

**Tikkundanna** lis-soċjeta' intimata tħallas lis-soċjeta' rikorrenti s-somma ta' **tlett mija u dsatax-il elf u ħames mitt Ewro (Ewro 319,500)**.

Interessi huma dovuti mid-data tal-preżentata tal-kawża odjerna sad-data tal-pagament effettiv.

Spejjeż tal-proċeduri odjerni għandhom ikunu kollha a karigu tas-soċjeta' intimata.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**

[5] Vide fol 53- paragrafi 13 u 14
[6] Ewro 722,000- Ewro 402,500= Ewro 319,500.